**Qorti Civili - Prim Awla**

**Onor. Imhallef Dr Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru: 464/22/1**

**Robert Hornyold Strickland**

**vs**

**Allied Newspapers Ltd u Strickland Foundation**

**Illum 14 ta' April 2022**

**Wara r-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni ta' Robert Hornyold Strickland datat il-5 ta' April, 2022, ir-risposta tal-intimata The Strickland Foundation datata 11 ta' April, 2022 u tal-intimata Allied Newspapers Ltd ukoll datata 11 ta' April, 2022.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Robert Hornyold Strickland li permezz tieghu talab li sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu izomm lill-intimati milli:

'b'xi mod bi kwalsiasi titolu jiddisponu, ibieghu jew jitrasferixxu, (ghajr possibilment taht titolu ta' kirja purche' tali kirja issir taht kondizzjonijiet gusti u xierqa) minn xi drittijiet fuq il-propieta' jew fuq kwalsiasi parti mill-istess proprieta' maghrufa bhala THE TIMES u li tinsab fl-Imriehel li tappartjeni lill-Progress Press Co Limited li taghha s-socjeta' intimata Allied Newspapers

Limited hija azzjonista ta' seba' u disghin fil-mija (97%) tal-azzjonijiet taghha u dan in kawtela tad-drittijiet li ir-rikrrenti ghandu fuq l-ishma fis-socjeta' intimata li gew registrati f'isem il-Fondazzjoni intimata (79%) u dan billi, bil-possibilita' ta' tali trasferiment tal-imsemmija proprieta' jew ta' partijiet minnha, tigi mibjugha l-akbar proprieta' immobiljari tas-socjeta', wara li gia gew mibjugha it-tlett proprietajiet l-ohra li kellha u cioe' "Grixti House", "Canberra House" u "Strickland House" biex setghu jithallsu id-djun enormi li gew mahluqa mill-amministrazzjoni tal-istess socjeta' intimata, liema amministrazzjoni tigi appuntata maggorment, biex ma jinghadx esklussivament, mill-Fondazzjoni intimata, stante li hija hi l-azzjonista maggoritarja registrata tas-socjeta' intimata. Fl-umli sottomissjoni tar-rikorrenti, tali registrazzjoni tal-Fondazzjoni bhala l-azzjonista maggoritarja tas-socjeta' intimata saret erronjament u kontra il-ligi u tifforma il-mertu tal-kawza bin-numru 1136/2015 li hija pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti.'

Ir-ragunijiet moghtija ghal din it-talba huma l-bazi tat-talbiet tar-rikorrent fir-rikors guramentat 1136/2015 li kopja tieghu giet esebita mir-rikorrenti fis-smigh ta' dan il-mandat pendenti quddiem din il-Qorti diversament preseduta. Ir-rikorrenti jsostni li f'kaz li huwa jerbah dik il-kawza l-ishma maggoritarji fis-socjeta' ntimata Allied Newpapers Ltd jigu dikjarati tieghu u mhux tal-intimata l-ohra. Rizultat ta' hekk huwa jkollu l-jedd isarraf il-valur ta' dawn l-ishma u wkoll ghad-dividendi b'lura izda r-rikorrent isostni li jekk dan l-ass li jiswa bejn il-€25,000,000 u l-€35,000,000 (skont rapporti peritali esebiti minnu stess) jigi mibjugh allura l-kumpanija ma jibqaliex assi biex tissodisfa l-pretensjonijiet tieghu. Ir-rikorrent jsostni wkoll li uhud mid-diretturi tas-socjeta' intimata m'humiex ta' min jafdahom ghaliex ghaddejjin minn proceduri kriminali kontra taghhom dwar hasil ta' flus. Izid ukoll li la darba d-diretturi tas-socjeta' intimata huma l-istess diretturi tas-socjeta' Progress Press Co Limited u stante li l-Fondazzjoni ntimata zzomm l-ishma maggoritarji fis-socjeta' intimata huma ghandhom il-poter li effettivament iwaqqfu t-trasferiment tal-proprjeta' anki fi hdan il-Progress Press Co Limited. Ir-rikorrent finalment isostni li huwa sar jaf li hemm il-hsieb li din il-proprjeta' tinbiegh u allura gie ntavolat dan il-mandat sabiex jissalvagwardja l-jeddijiet li qed jippretendi fil-kawza msemmija.

Rat ir-risposti pjuttost voluminuzi tal-intimati li permezz taghhom u ghar-ragunijiet ndikati fl-istess jitolbu li din il-Qorti tichad it-talba tar-rikorrent. Rat ukoll in-nota li permezz taghha l-intimati esebew fl-atti odjerni ir-risposta ghar-rikors guramentat li kopja tieghu giet esebita mir-rikorrent. In succinct l-intimati jsostnu li t-talba tar-rikorrent ma tistax tigi milqugha ghaliex ma tissodisfax l-elementi bazi sabiex jirnexxi mandat ta' inibizzjoni u cioe' l-jedd *prima facie,* il-pregudizzju tar-rikorrenti u li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti. L-intimati ma jichdux li hemm il-hsieb li jsir kummerc bil-

proprjeta’ in kwistjoni bir-raguni moghtija hija li llum il-gurnata din ma ghadx hemm bzonnha ghall-operat tal-kumpanija li fejn qabel kienet principalment jiddependi aktar fuq il-verzjoni pubblikata tal-gazzetta llum il-gurnata r-realta` hija li n-negozju kellu jadatta ghar-realta` digitali. Ghalhekk l-intimati jqisu li proprjeta’ tant kbira ta’ tant valur massicc ghandha tigi nvestita mill-ahjar possibbli sabiex il-frott li jemani mill-investiment finalment igawdu minnu l-azzjonisti kollha u mhux biss ir-rikorrent. Jinsistu ghalhekk li dan in-negozju ikun xi jkun kirja jew bejgh finalment mhux talli mhux ta’ detriment ghar-rikorrent anzi ser ikun favorevoli u fl-ahjar interess anki tal-ishma in kwistjoni.

**Ikkunsidrat;**

Illi fl-atti odjerni l-partijiet jaqblu dwar l-ezistenza tal-proceduri kontestjuzi bejniethom intizi sabiex jigi dikjarat jekk ammont maggoritarju ta’ ishma fis-socjeta’ intimata ghandhom ma jibqghux isejjhu lill-Fondazzjoni ntimata izda jibdew isejjhu lir-rikorrent. Il-partijiet jaqblu wkoll li filwaqt li l-Fondazzjoni intimata ghandha maggoranza ta’ azzjonijiet fis-socjeta’ ntimata, da parti taghha s-socjeta’ ntimata ghandha wkoll l-ishma maggoritarji fis-socjeta’ Progress Press Co Limited, estranea ghal dawn il-proceduri. Il-partijiet izda ma jaqblux li in vista ta’ dan allura l-intimati ghandhom il-poter effettiv li jwaqqfu d-decizjonijiet li jittiehdu mis-socjeta’ Progress Press Co. Limted. L-intimati jsostnu li huma d-diretturi tal-kumpanija li jiddeciedu l-operat taghha u mhux l-azzjonisti. Fir-realta’ hija l-fehma tal-Qorti li effettivament jekk azzjonist ikollu sehem maggoritarju f’kumpanija certament dan ikollu element ta’ influwenza qawwija fuq l-operat tal-kumpanija u huwa a bazi ta’ dan li r-rikorrenti qed jibbaza s-success tat-talba ghal mandat odjern. Dan ma jfissirx li f’dan l-istadju l-Qorti qed taghti ragun lir-rikorrent.

Illi din il-Qorti semghet it-trattazzjonijiet estensivi tal-abbli konsulenti legali tal-partijiet u minn dawn irrizulta li huwa minnu li qabel ma gie ntavolat il-mandat odjern, l-istess intimati flimkien mal-Progress Press Co. Limited ddisponew minn proprjetajiet immobbli ohra. Fuq domanda ta’ din il-Qorti izda x’sar mid-dhul ta’ din il-proprjeta’ l-konsulenti legali tar-rikorrenti, ghalkemm allegaw li ma jafux x’sar minnu, kkonfermaw li huma ma vverifikawx mill-kotba tal-kumpaniji sabiex jaraw id-dhul ghadux registrat ghan-nom tal-istess kumpaniji. Il-Qorti tirrileva li ghalkemm ir-rikorrent jallega li dawn l-assi m’ghadhomx ghand l-intimati jew il-kumpanija Progress Press Co. Limited, ma ressaq l-ebda tracca ta’ prova almenu sal-grad tal-*prima facie* li d-dhul mill-istess proprjeta’ ma dahlitx fi hdan il-kumpaniji u ghadha fil-kontijiet tal-istess. Fuq kollox anki jekk xi parti minn dan id-dhul intuza sabiex jithallas dejn tal-istess dan ma jirrizulta bl-ebda mod f’agir irresponsabbli, illegali jew kontra l-jeddijiet tal-azzjonisti. Ma jaghmel l-ebda sens finanzjarju li jithalla jakkumula dejn bl-imghax la darba jkun hemm il-kapital

sabiex dan jithallas. Huwa appuntu dan li qed jinsistu fuqu l-intimati u cioe' li anki jekk tinbiegh l-proprjeta' in kwistjoni, d-dhul mill-istess proprjeta' ser jidhol fil-kontijiet tal-kumpaniji jew minn minnhom u dawn se jigu re-investiti fl-ahjar interess tal-kumpanija u finalment tal-azzjonisti taghha, huma min huma. Ukoll din il-Qorti ma temminx li l-Fondazzjoni ntimata jista' qatt ikollha nteress li l-azzjonijiet li sal-lum ghadhom f'isimha jigu rezi minghajr valur!

Illi in vista ta' dak suespost l-Qorti hija tal-fehma li l-allegazzjonijiet tar-rikorrent ma jsibu l-ebda bazi lanqas sal-grad tal-prima facie ghaliex anki waqt is-smigh tal-mandat irrizulta li dak li qed jallega r-rikorrent, cioe' li l-ishma fil-kumpaniji qed jigu rezi bla valur, huwa biss rizultat ta' kongetturi u xejn aktar. Tant hu hekk li ghalkemm ir-rikorrenti jaghti x'jifhem mod iehor fir-rikors tieghu, waqt is-smigh irrizulta li l-intimati kienu sahansitra baghtu ghar-rikorrent u spjegawlu waqt laqgha bil-hsieb taghhom li jinvestu l-proprjeta' in kwistjoni mod iehor sabiex ikun hemm aktar profitt mis-sitwazzjoni prezenti. Kieku l-intimati riedu jaghmlu xi haga minn wara dahar ir-rikorrent ma kienux isejjhu l-laqgha. Illi ghall-istess ragunijiet suesposti mhux qed jirrizulta lil din il-Qorti l-pregudizzju allegat da parti tar-rikorrent. Anzi l-Qorti tqis illi kieku kellha tilqa' dan il-mandat ta' inibizzjoni dan ikun ta' pregudizzju ferm akbar ghall-valur tal-azzjonijiet tal-kumpanija intimata u tal-kumpanija Progress Press Co Limited bir-rizultat ahhari li jbatu l-azzjonisti stess, inkluz ir-rikorrent, jekk ikollu jirnexxi fil-proceduri pendenti bejn il-partijiet.

**Decizjoni**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti u stante li l-Qorti ma tqisx li gew sodisfatt l-elementi neccessarji sabiex jibqa' in vigore l-mandat ta' inibizzjoni odjern, l-Qorti tghaddi sabiex tirrevoka d-digriet taghha tal-5 ta' April, 2022 u tghaddi sabiex tichad it-talba ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 464/2022 kif mitlub.**

**Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent.**

**Onor. Dr Joanne Vella Cuschieri**
**Imhallef**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**